MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tal-31 ta' Ottubru, 2012

Avviz Numru. 225/2012

**Bank of Valletta p.l.c. (C 2833)**

**vs**

**Nazzarene Camilleri**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors promotur tas-socjeta’ attrici pprezentat fir-Registru ta’ din il-Qorti nhar il-5 ta’ Lulju 2012 fejn talbet lil din il-Qorti tikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ tmint elef, seba’ mija u sebgha u tmenin Ewro u sitta u ghoxrin centezmu (€8,787.26) bilanc ghad-debitu fil-“*Loan Account*” tieghu mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. A) flimkien mal-imghax ulterjuri mill-1 ta’ Gunju 2012 sal-jum tal-pagament effettiv.

Dan wara li jigi dikjarat illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fl-iskrittura privata datata 17 ta’ Novembru 2008 (Dok. B) u partikolarment, imma mhux esklussivament, billi l-konvenut Nazzarene Camilleri (a)

naqas milli jhallas il-pagamenti dovuti lis-socjeta' mittenti kif stipulat fl-imsemmija skrittura, (b) kien inadempjenti f'obbligi ohra minnu assunti u/jew (c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi tal-istess konvenut li jipperikolaw jew jaffetwaw hazin il-possibilita' tal-hlas lura tal-imsemmi debitu dovut lis-socjeta' attrici u b'hekk il-konvenut ddekada mill-beneficcju tat-terminu u l-imsemmi debitu sar dovut fl-intier tieghu f'daqqa.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tal-5 ta' Settembru 2011 (Dok. E) u tal-Mandat ta' Sekwestru li gie pprezentat kontestwalment kontra l-konvenut li hu ngunt sabiex jidher ghas-subizzjoni.

Rat illi l-konvenut debitament notifikat naqas li jidher fis-seduta tas-17 ta' Ottubru 2012 sabiex iwiegeb ghad-domandi tal-Bank attrici jew li jipprezenta l-eccezzjonijiet tieghu u dan kif jirrizulta mit-timbru tal-purtier Charles Cassar datat 10 ta' Awwissu 2012 a fol. 22 tergo ta' l-atti minn fejn jirrizulta li thalliet kopja tar-rikors promotur fl-Ghassa tal-Pulizija taz-Zejtun u fil-Kunsill Lokali taz-Zejtun.

Rat illi l-konvenut gie ukoll notifikat permezz ta' avviz li deher fil-Gazzetta tal-Gvern kif jirrizulta minn kopja esebita a fol. 14 tal-atti.

Rat illi l-konvenut gie wkoll notifikat permezz ta' avviz li deher fil-gazzetta lokali The Malta Independent nhar il-31 ta' Awwissu 2012 kif jirrizulta minn kopja esebita a fol. 39 ta' l-atti.

Rat illi fis-seduta tas-17 ta' Ottubru 2012 l-avukat difensur tal-Bank attrici ipprezenta kapitolu ghas-subizzjoni tal-konvenut.

Rat illi fis-seduta tas-31 ta' Ottubru 2012 il-konvenut naqas li jidher in subizzjoni.

**Ghaldaqstant din il-Qorti issib it-talba tal-Bank attrici gustifikata u timmerita li tigi konfermata b'dan illi tikkundanna lill-konvenut ihallasha s-somma mitluba**

**fir-rikors promotur fl-ammont ta' tmint elef, seba' mija u sebgha u tmenin Ewro u sitta u ghoxrin centezmu (€8,787.26) ghar-ragunijiet imsemmija fl-istess rikors promotur u dan bl-imghax li ghandu jibda jiddekorri mid-data ta' l-ittra ufficcjali tal-5 ta' Settembru 2011.**

**L-ispejjez ta' din il-procedura u tal-ittra ufficcjali datata 5 ta Settembru 2011 u tal-Mandat ta' Sekwestru li gie prezentat kontestwalment ma' dan ir-rikors promotur ghandhom jigu sopportati mill- konvenut.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------